MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Mandat Numru. 390/2007/2

**John Vella & Sons Limited (C-5336)**

**vs**

**Mark u Elizabeth, konjugi Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Marzu, 2007;

Rat ir-risposta tal-intimati;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti u l-provi Ii tressqu;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi s-socjeta’ rikorrenti ottjeniet il-hrug ta’ kontro-mandat fil-konfront biss tal-intimata Elizabeth Micallef fl-10 ta’ April, 2007;

Ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan ir-rikors fil-konfront biss tal-intimata Elizabeth Micallef;

Peress illi l-Qorti tara illi jinsabu sodisfatti ir-rekwiziti kollha tal-Artikolu 873 (1) u 873 (2) tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Mark Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------